MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-23 ta' April, 2015

Avviz Numru. 322/2011

**Middlesea Insurance plc**

**Vs**

**Joseph Testa u Aaron Testa**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat mis-socjetà Middlesea Insurance plc fit-28 ta' Settembru 2011, permezz ta' liema titlob li Joseph Testa u Aaron Testa jigu ikkundannati jhallsuha s-somma ta' hamest elef tmien mija u disghin Euro u disgha u tletin centezmu (€5,890.39) rapprezentanti in kwantu ghal tlett elef hames mija u sitt Euro u wiehed u tletin centezmu (€3,506.31) somma lilhom minnha mhallsa bhala danni sofferti mill-vettura ta' Joseph Testa kosnegwenza ta' incident tat-traffiku li sehh fit-13 ta' Settembru 2001 u in kwantu ghar-rimanenti ammont rapprezentanti imghaxijiet fuq l-istess somma mid-data meta gie effettwat il-pagament sa' l-ahhar ta' Gunju 2011, u dana stante li l-imsemmija somma thallset lilhom rizultat ta' dikjarazzjoni falza da parte taghhom fis-sens li kien Aaron Testa li kien qed isuq il-vettura proprjetà ta' Joseph Testa u ma kienx kopert mill-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni u stante wkoll li minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas kemm bonarji kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali datata 2 ta' Gunju 2009 u ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 12 ta' Lulju 2011, huma baqghu inadempjenti; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 2 ta' Gunju 2009 u ta' l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 12 ta' Lulju 2011, u bl-imghax legali mid-data tal-hlas tas-somma indikata sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra Joseph Testa u Aaron Testa;

Rat id-dokumenti annessi ma' l-Avviz markati Dok. "MSI1" u Dok. "MSI2" a fol. 3 sa' 7 tal-process;

Rat ir-Risposta ta’ Joseph Testa u Aaron Testa permezz ta’ liema jeccepixxu: (i) preliminarijament li l-azzjoni tas-socjetà attrici hija preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; u (ii) bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi dakinhar ta’ l-incident stradali, ossia fit-13 ta’ Settembru 2001, kienu koperti b’polza ta’ assigurazzjoni valida;
Rat il-kwerela[1] tas-socjetà attrici fil-konfront tal-konvenuti wara allegat kaz ta’ frodi u rat id-dikjarazzjoni ta’ l-istess socjetà waqt is-seduta tas-16 ta’ Frar 2012[2], fis-sens illi t-terminu preskrittiv applikabbli huwa dak marbut mar-reat;

Semghet ix-xhieda ta’ Joseph Testa moghtija waqt is-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2012[3], ix-xhieda ta’ Aaron Testa moghtija waqt is-seduta ta’ l-10 ta’ Dicembru 2012[4] u x-xhieda ta’ Patrick Muscat moghtija waqt is-seduta tad-9 ta’ April 2013[5] u rat id-dokument esebit minn Patrick Muscat markat Dok. “PM” a fol. 38 tal-process;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà attrici waqt is-seduta ta’ l-10 ta’ Dicembru 2012[6] fis-sens illi giet infurmata mill-Pulizija li ma humiex ser jiehdu proceduri a bazi tal-kwerela avvanzata fis-6 ta’ Frar 2012 peress illi kwalunkwe reat hemm allegat illum jinsab preskritt;

Rat in-Nota ta’ Referenzi pprezentata mis-socjetà attrici a fol. 39 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuha s-somma komplessiva ta’ €5,890.39 rapprezentanti in kwantu ghal €3,506.31 somma lilhom minnha mhallsa bhala danni sofferti mill-vettura ta’ Joseph Testa konsegwenza ta’ incident tat-traffiku li sehh fit-13 ta’ Settembru 2001 u in kwantu ghar-rimanenti ammont rapprezentanti imghaxijiet fuq l-istess somma mid-data meta gie effettwat il-pagament sa’ l-ahhar ta’ Gunju 2011. Is-socjetà attrici tibbaza t-talba taghha fuq il-pretensjoni li s-somma ta’ €3,506.31 thallset lill-konvenuti rizultat ta’ dikjarazzjoni falza da parte taghhom fis-sens li in realtà dakinhar ta’ l-incident kien Aaron Testa li kien qed isuq il-vettura proprjetà ta’ Joseph Testa meta huwa ma kienx kopert polza ta’ assikurazzjoni in kwistjoni.

[1] Esebita permezz ta’ Nota pprezentata fis-16 ta’ Frar 2012, fol. 20 u 21 tal-process.
[2] Fol.19 tal-process.
[3] Fol. 29 u 30 tal-process.
[4] Fol. 32 u 33 tal-process.
[5] Fol. 40 sa’ 42 tal-process.
[6] Fol. 31 tal-process.

Il-konvenuti jilqaghu ghat-talba tas-socjetà attrici bl-eccezzjoni preliminari li l-azzjoni minnha istitwita fil-konfront taghhom hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-eccezzjoni fil-meritu li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi dakinhar ta' l-incident stradali, ossia fit-13 ta' Settembru 2001, kienu koperti b'polza ta' assigurazzjoni valida.

Id-decizjoni odjerna hija limitata ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li meta tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-attur kreditur ghandu a disposizzjoni tieghu diversi ghazliet possibbli biex jikkombattiha, per ezempju: (i) l-inapplikabilità ghall-mertu tal-kaz tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut; (ii) is-sospensjoni tat-terminu preskrittiv; jew (iii) l-interruzzjoni tat-terminu preskrittiv[7]. Il-Qorti zzid tghid illi meta t-terminu ta' preskrizzjoni jkun lahaq iddekorra, l-attur kreditur jista' jipprova li kien hemm ir-rinunzja ghal tali terminu ta' preskrizzjoni da parte tal-konvenut debitur.

Fil-kaz in ezami s-socjetà attrici tikkuntrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata mill-konvenuti billi tikkontendi li: (i) l-artikolu tal-Ligi applikabbli ghall-kaz in ezami huwa l-Artikolu 2154 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-azzjoni taghha hija bbazata fuq il-premessa li l-konvenuti ottjenew il-hlas minghandha permezz ta' frodi peress illi ghamlu dikjarazzjoni falza fil-*claim* li saret maghha in segwitu ghall-incident stradali li sehh fit-13 ta' Settembru 2001; u (ii) fi kwlaunkwe kaz, tul is-smigh ta' dawn il-proceduri l-konvenut Joseph Testa ammetta li rcieva l-flus minghandha, b'dana ghalhekk li gie li irrinunzja ghat-terminu ta' preskrizzjoni li seta' lahaq iddekorra favur tieghu.

L-Artikolu 2154 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Dwar il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali. (2) Izda, kull min jisraq haga jew isir pussessur taghha bil-mezz ta' reat ta' frodi, jew xjentement jircievi jew jixtri dik il-haga meta jaf li kienet misruqa jew akkwistata bi frodi, ma jista' jippreskriviha qatt, ighaddi kemm ighaddi zmien.*

Il-Qorti tibda billi tosserva li kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Isabelle Borg et v. Robert Galea et, Citaz. Nru. 765/01** deciza fid-19 ta' Ottubru 2007: *biex jigi determinat jekk agir jikkostitwixxix reat jew le, mhux mehtieg li jkunu ttiehdu proceduri kriminali fil-kuntest ta' dak l-agir, u lanqas li l-kontro-parti tkun passibbli ghall-procedura kriminali. Jista' jkun li, minhabba diversi cirkostanzi, l-awtorità*

---

[7] Austin Psaila v. Lother Slabick, Appell Civili Nru. 544/03 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' Frar 2005.

*kompetenti ma tkunx tista' tiehu proceduri kriminali in konnessjoni ma' dak l-agir, jew li l-proceduri ma jkunux jistghu jittiehdu kontra l-kontro-parti, però, l-agir xorta wahda jitqies reat, kopert, ghall-fini tal-preskrizzjoni, bl-artikolu 2154.* Din l-osservazzjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza pronuncjata fit-3 ta' Marzu 2011, fejn osservat illi: *l-ewwel Qorti korrettement irriteniet li biex jigi determinat jekk ghemil hux reat jew le ma hux mehtieg li jkunu ttiehdu proceduri kriminali u jekk l-ghemil in kwistjoni jkun oggettivament jammonta ghal reat allura dak l-agir xorta jkun reat kopert ghall-fini tal-preskrizzjoni bl-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili.*

Ghalkemm fil-kaz in ezami ma jirrizultax li ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-konvenuti, mill-kwerela li s-socjetà attrici ghamlet fil-konfront taghhom ma' l-Iskwadra kontra l-Frodi[8] jirrizulta li hija tikkontendi: *1. Illi s-socjetà mittenti kienet tassigura fuq bazi "comprehensive" il-vettura ta' Joseph Testa bin-numru ta' registrazzjoni LAU201. 2 Illi fit-13 ta' Settembru 2001 sehh incident awtomobilistiku bejn din il-vettura u vettura ohra. Joseph Testa issottometta "claim" mas-socjetà mittenti fejn huwa ddikjara li kien qed isuq il-vettura LAU201 waqt dan l-incident, fil-fatt anki fir-rapport tal-pulizija kienet saret dikjarazzjoni li l-vettura kienet qed tigi misjuqa minn Joseph Testa. 3. Abbazi tad-dikjarazzjoni ta' Joseph Testa, is-socjetà mittenti hallset is-somma ta' €5,890.39 lil Joseph Testa ghad-danni li huwa sofra fil-vettura tieghu konsegwenza ta' l-incident. 4. Snin wara dan l-incident infethet kawza civili kontra Joseph Testa sabiex jigi dikjarat responsabbli ta' l-incident u jhallas id-danni lill-vettura l-ohra involuta fl-istess incident. Kien biss f'dan il-mument li sar maghruf li waqt l-incident il-vettura LAU201 ma kinitx misjuqa minn Joseph Testa (kif dikjarat minnu lill-Pulizija u lill-assigurazzjoni mittenti) izda minn ibnu Aaron Testa li ma kienx kopert bil-polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjetà mittenti. Illi ghalhekk jirrizulta li <u>permezz tad-dikjarazzjoni falza illi Joseph Testa u Aaron Testa ghamlu mas-socjetà mittenti huma ffrodaw lis-socjetà mittenti s-somma hawn fuq indikata.</u>*[9]

Fil-fehma tal-Qorti l-allegazzjonijiet tas-socjetà attrici fil-konfront tal-konvenuti jinkwadraw ruhhom taht ir-reat ta' dikjarazzjoni falza kontemplat fl-Artikolu 188 – senjatament is-subartikolu (2) – tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta[10]: *(1) Kull min, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew multa: izda ebda haga f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi ligi ohra li tipprovdi ghal piena oghla. (2) <u>Meta d-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wiehed intiz ghal xi awtorità</u>*

[8] Fol. 21 tal-process.
[9] Sottolinear tal-Qorti.
[10] Vide sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Gaetano Farrugia, Nru. 1214/09 deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' Dicembru 2014.

*pubblika, il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija li ma tkunx izjed minn sena jew multa*[11].

Ai termini ta' l-Artikolu 688(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta *l-azzjoni kriminali taqa' bl-eghluq ta' sentejn*[12] *ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni ta' kontravvenzjonijiet.*

Huwa principju stabbilit fis-sistema guridika nostrali li *l-ligi taghna b'disposizzjoni espressa tiddisponi bhala regola generali illi l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda tghaddi mill-gurnata li fiha l-azzjoni tista' tigi ezercitata (Art.2137 tal-Kodici Civili). L-osservazzjoni ta' din ir-regola hi wahda bazika, tant li jinsab insenjat illi l-impossibilità li wiehed jagixxi trid tkun impossibilità indipendenti mill-volontà tieghu, dovuta ghal kawza estranea, li huwa ma setax jirrimwuovi*[13].

Mill-atti processwali jirrizulta li l-incident tat-traffiku li fih kienet involuta l-vettura tal-konvenut Joseph Testa sehh fit-13 ta' Settembru 2001. Mix-xhieda li ta Patrick Muscat, Chief Officer Claims Department tas-socjetà attrici, waqt is-seduta tad-9 ta' April 2013[14], jirrizulta li xi zmien wara l-incident imsemmi u in segwitu ghal *claim* maghmula mill-konvenut Joseph Testa s-socjetà attrici hallset ghall-hsara li garbet il-vettura ta' Testa izda imbaghad f'**Novembru 2002** giet a konoxxenza tal-fatt li in verità dakinhar ta' l-incident il-vettura kienet misjuqa mit-tifel ta' Joseph Testa, li skontha ma kienx kopert bil-polza ta' assikurazzjoni, u mhux minn Joseph Testa kif originarjament dikjarat lilha. Dan jirrizulta kkonfermat mill-ittra datata 18 ta' Novembru 2002 li s-socjetà attrici baghtet lill-Avukat tas-sewwieq l-iehor involut fl-incident tat-traffiku in kwistjoni[15]. B'hekk jirrizulta li certament b'effett mit-**18 ta' Novembru 2002** is-socjetà attrici kienet f'posizzjoni li tistitwixxi proceduri fil-konfront ta' Testa ghar-refuzjoni ta' danni skontha mhallsa a bazi ta' dikjarazzjoni falza u fi kwalunkwe kaz in vjolazzjoni tal-polza assikurattiva.

A tenur ta' l-Artikolu 2128 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *l-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi il-preskrizzjoni u li minnu jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom* u a tenur ta' l-Artikolu 2131 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *l-preskrizzjoni tinkiser b'talba gudizzjarja, ukoll jekk din it-talba ma tkunx giet innotifikata lill-konvenut minhabba li jkun nieqes minn Malta jew ghal xi raguni tajba ohra, basta li l-attur jissokta l-kawza kontra kuratur mahtur mill-qorti, bil-mod kif jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u jiehu sentenza fuq dik it-talba.*

---

[11] Sottlinear tal-Qorti.
[12] Sottolinear tal-Qorti.
[13] Mario Lapira v. C&A Company Limited, Appell Civili Numru 1507/00 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-2 ta' Gunju 2003.
[14] Fol. 40 sa' 42 tal-process.
[15] Dok. "PM" a fol. 38 tal-process.

Mid-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici flimkien ma' l-Avviz jirrizulta li hija ghamlet zewg interpellazzjonijiet giudizzjarji ghall-hlas qabel ma istitwiet il-proceduri odjerni fil-konfront tal-konvenuti fit-28 ta' Settembru 2011. L-ewwel interpellazzjoni giudizzjarja ghall-hlas saret permezz ta' ittra ufficjali ipprezentata fit-**2 ta' Gunju 2009**[16] u notifikata lill-konvenut Joseph Testa fis-6 ta' Gunju 2009 u lill-konvenut Aaron Testa fit-12 ta' Gunju 2009 u t-tieni interpellazzjoni giudizzjarja ghall-hlas saret permezz ta' ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta pprezentata fit-**12 ta' Lulju 2011**[17] u notifikata liz-zewg konvenuti fil-15 ta' Lulju 2011.

Ladarba s-socjetà attrici già b'effett mit-**18 ta' Novembru 2002** kienet f'posizzjoni li tistitwixxi proceduri fil-konfront ta' Testa ghar-refuzjoni ta' danni skontha mhallsa a bazi ta' dikjarazzjoni falza u fi kwalunkwe kaz in vjolazzjoni tal-polza assikurattiva, jirrizulta immedjatament car li fit-**2 ta' Gunju 2009**, ossia meta pprezentat l-ewwel interpellazzjoni giudizzjarja ghall-hlas, it-terminu ta' sentejn marbut mar-reat ta' dikjarazzjoni falza a tenur ta' l-Artikolu 188(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta kien lahaq iddekorra. Jigi osservat illi ma tressqet l-ebda prova li in segwitu ghal dik l-ittra u qabel ma giet ipprezentata l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew qabel ma gew istitwiti l-proceduri odjerni l-konvenuti jew min minnhom b'xi mod irrinunzjaw ghat-terminu ta' preskrizzjoni li kien lahaq iddekorra.

B'hekk jirrizulta li a bazi tal-perijodu ta' preskrizzjoni invokat mis-socjetà attrici stess, l-azzjoni minnha istitwita kontra l-konvenuti Testa hija preskritta.

Ghal kull buon fini jigi osservat li ghalkemm a tenur ta' l-Artikolu 2154(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *kull min jisraq haga, jew isir pussessur taghha bil-mezz ta' reat ta' frodi, jew xjentement jircievi jew jixtri dik il-haga, meta jaf li kienet misruqa jew akkwistata bi frodi, ma jista' jippreskriviha qatt, ighaddi kemm ighaddi zmien*, dak hemm provdut ma japplikax ghall-kaz in ezami in kwantu r-reat allegat mis-socjetà attrici, ossia r-reat ta' dikjarazzjoni falza[18], ma jaqax taht id-delitti kontra l-proprjetà u kontra s-sigurtà pubblika[19], taht liema jaqghu r-reati tal-frodi[20], izda jaqa' taht id-delitti ta' falsikazzjoni ta' skritturi ohra pubblici jew privati[21] li jaqghu taht id-delitti kontra l-fiducja pubblika[22].

F'dan l-istadju l-Qorti tqis li ghandha tikkonsidra wkoll it-terminu ta' preskrizzjoni invokat mill-konvenuti, u cioè l-perijodu ta' hames snin previst fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li apparte l-

[16] Dok. MSI1 a fol. 3 u 4 tal-process.
[17] Dok. MSI2 a fol. 5 sa' 7 tal-process.
[18] Artikolu 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
[19] Titolu IX tat-Tieni Taqsima ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
[20] Sub-titolu III tat-Titolu IX tat-Tieni Taqsima ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
[21] Sub-titolu II tat-Titolu V tat-Tieni Taqsima ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
[22] Titolu V tat-Tieni Taqsima ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

allegazzjoni ta' dikjarazzjoni falza da parte tal-konvenut Joseph Testa s-socjetà attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq l-allegazzjoni ulterjuri li Aaron Testa fi kwalunkwe kaz ma kienx kopert bil-polza ta' assikurazzjoni b'dana ghalhekk li l-assikurat taghha, il-konvenut Joseph Testa, gie li kiser l-obbligi kontrattwali tieghu fil-konfront taghha u konsegwentement l-azzjoni odjerna tista' tinkwarda wkoll taht ir-risarciment ta' danni kontrattwali, fejn il-preskrizzjoni applikabbli hija appuntu dik ta' hames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta – *l-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin: (f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjonijiet aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.*

Meta t-terminu ta' preskrizzjoni stipulat fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jigi kkunsidrat fid-dawl tar-rizultanzi processwali già iktar 'l fuq ezaminati jirrizulta li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni attrici hija preskritta.

In fatti bejn it-18 ta' Novembru 2002, id-data meta s-socjetà attrici certament kienet f'posizzjoni li tmexxi kontra l-konvenuti [ghalkemm in verità huwa principju guridiku stabbilit li *f'kaz fejn jigi allegat li l-hsara tnisslet minn nuqqas ta' xi parti li twettaq l-obbligazzjonijiet taghha fuq kuntratt, iz-zmien tal-preskrizzjoni ta' hames snin jibda ghaddej minn dakinhar li ssehh il-hsara izda mhux minn dakinhar li l-imgarrab intebah bil-hsara li gratlu*[23]], u it-2 ta' Gunju 2009, id-data tal-prezentata ta' l-ewwel interpelazzjoni giudizzjarja ghall-hlas da parte tas-socjetà attrici kienu lahqu ghaddew iktar minn hames snin u, mill-gdid jigi osservat, li ma tressqet l-ebda prova li in segwitu ghal dik l-ittra u qabel ma giet ipprezentata l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew qabel ma gew istitwiti l-proceduri odjerni l-konvenuti jew min minnhom b'xi mod irrinunzjaw ghat-terminu ta' preskrizzjoni li kien lahaq iddekorra.

Ghalkemm ma hemmx prova, u in verità lanqas xi forma ta' allegazzjoni f'dan is-sens, li l-konvenuti jew min minnhom seta' rrinunzja ghat-terminu ta' preskrizzjoni li kien lahaq iddekorra qabel ma gew istitwiti l-proceduri odjerni, waqt it-trattazzjoni orali s-socjetà attrici ssottomettiet li fil-mori ta' dawn il-proceduri, u senjatament meta xehed quddiem il-Qorti waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2012[24], il-konvenut Joseph Testa ammetta li rcieva il-flus minghandha liema ammissjoni ghandha titqies bhala li tikkostitwixxi rinunzja ghall-preskrizzjoni. Il-konvenuti da parte taghhom issottomettew li dak affermat mis-socjetà attrici ma jregix ghaliex l-allegata ammissjoni da parte tal-konvenut Joseph Testa ma tghoddx ghall-finijiet ta' preskrizzjoni in kwantu dak li nghad inghad wara li ddekorra t-terminu ta' preskrizzjoni.

---

[23] Raymond Grech pro et noe v. Stefan Borg, Citaz. Nru. 2165/00, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Gunju 2001.
[24] Fol. 29 u 30 tal-process.

Ghal dak li jirrigwarda s-sottomissjoni avvanzata mill-konvenuti, u cioè li kwalunkwe ammissjoni da parte tal-konvenut Joseph Testa ma tistax tigi ikkunsidrata ghall-finijiet ta' preskrizzjoni ghaliex dak li ntqal intqal wara li iddekorra t-terminu ta' preskrizzjoni, jigi osservat illi *fic-cirkostanzi mahsuba mill-ligi li jiksru l-preskrizzjoni, wiehed isib it-talba b'att giudizzjarju [art. 2131], bl-gharfien tal-jedd tal-parti li kontra taghha kien ghaddej iz-zmien tal-preskrizzjoni [art. 2133] jew bi hlas akkont [art.2134]. Illi ghalkemm huwa fatt li l-preskrizzjoni tista' tinkiser biss jekk ic-cirkostanza li ghaliha tirreferi l-ligi ssehh waqt li jkun ghaddej iz-zmien tal-preskrizzjoni,* ***hemm cirkostanzi ohrajn fejn l-gharfien tal-jedd ta' l-attur isehh wara li jkun ghadda dak iz-zmien. F'dan it-tieni kaz, izda wiehed ma jitkellimx izjed dwar ksur taz-zmien tal-preskrizzjoni, imma ta' rinunzja ghall-jedd li wiehed isejjah favurih il-preskrizzjoni***[25]. Del resto l-istess Ligi, senjatament l-Artikolu 2109 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew tacita. Ir-rinunzja tacita tigi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat.*

B'hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenuti, wara li jkun ghadda t-terminu ta' preskrizzjoni l-allegat debitur jista' f'cirkostanzi kongruwi jigi li **jirrinunzja** ghal dak it-terminu ta' preskrizzjoni u ghaldaqstant ma jkunx jista' jinvoka jew jibqa' jinvoka l-preskrizzjoni bhala difiza kontra t-talba attrici ghall-hlas. Fid-dawl ta' din l-osservazzjoni dak li issa jrid jigi kkunsidrat huwa jekk bhala fatt u kif pretiz mis-socjetà attrici dak li inghad mill-konvenut Joseph Testa waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2012 jammontax ghal rinunzja da parte tieghu tal-preskrizzjoni li lahqet iddekorriet favurih.

Waqt l-imsemmija seduta tat-8 ta' Ottubru 2012 il-konvenut Joseph Testa essenzjalment xehed hekk:

*Dr.Joanne Vella Cuschieri:* *Sur Testa inti kont ghamilt claim mal-Middlesea?*

*Ix-xhud:* *Nikkonferma li fi zmien kont avvicinajt l-agent tal-assikurazzjoni peress li jien kont hbatt. Kont hadtu fuq il-post, urejtu x'kien gara kont spjegajtlu kollox u huwa jaf dak kollu li gara.*

*Dr.Joanne Vella Cuschieri:* *Wara din il-claim inti kont ircevejt somma hux hekk minghand l-insurance?*

*Ix-xhud:* *Jiena qatt ma rcevejt ebda forma ta' hlas in konnessjoni ma' din il-claim, meta nghid hlas nirreferi ghall-insurance.*

*Dr.Joanne Vella Cuschieri:* *Il-vettura tieghek liema kienet? X'registration number kellha?*

[25] Pius Grech et noe v. Dr. Charles Xuereb et, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Dicembru 1976 u Raymond Grech pro et noe v. Stefan Borg, Citaz. Nru. 2165/00, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Gunju 2001.

_Ix-xhud:_ *Il-vettura tieghi li kienet involuta f'din il-kollizzjoni kellha registrazzjoni LAU-201.*

_Dr.Joanne Vella Cuschieri:_ *U inti kellek accident fit-13 ta' Settembru 2001?*

_Ix-xhud:_ *Nikkonferma li l-incident kien sar fit-13 ta' Settembru 2001.*

_Dr.Joanne Vella Cuschieri:_ *Inti kont inxurjat kif? Comprehensive?*

_Ix-xhud:_ *Jiena kont assigurat fully comprehensive.*

_Dr.Joanne Vella Cuschieri:_ *Jekk tiftakar li kont assikurat fully comprehensive, tiftakar li kont ircevejt il-flus tal-hsara li kellek ghax kont inxurjat fully comprehensive.*

_Ix-xhud:_ *L-agent tal-insurance kien hadni ghand tal-Fiat fejn huma sewwewli l-hsarat. Peress li jiena kont assikurat fully comprehensive, il-hsarat hallsithom direttament l-assikurazzjoni.*

_Dr.Joanne Vella Cuschieri:_ *Bhala incident min kien qed isuq?*

_Ix-xhud:_ *Dakinhar li sehh l-incident is-sewwieq ta' din il-vettura kien it-tifel tieghi.*

_Dr.Joanne Vella Cuschieri:_ *Tiftakar li lill-insurance ghall-ewwel ghedtilhom li kont qed issuq int?*

_Ix-xhud:_ *Mhuwiex minnu li jiena lill-assikurazzjoni ghedtilhom li kont qed insuq jien. Jiena lili hadd ma kien staqsieni min kien qed isuq il-vettura. Dan Joseph Pace li semmejt kemm hadni ghand tal-Fiat biex insewwi l-hsarat u dawn fil-fatt issewwew, meta imbaghad ircevejt il-karta mill-Qorti kont mort ghand dan Joseph Pace biex nghidlu biex ighini u qalli li ma setax ighini peress li kien qed isuq it-tifel. Kien hemmhekk li jiena ghedtlu li kien qed isuq it-tifel. F'dik l-okkazjoni lil Joseph Pace kont ghedtlu kollox. La darba jiena kont inxurjat fully comprehensive nifhem li t-tifel tieghi, li dak iz-zmien kellu tmienja u ghoxrin sena, kien kopert b'din il-polza. Hija din ir-raguni li l-ammont li qed titlob l-assikurazzjoni m'ghandux jintradd lura lilha.*

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma v. Joseph Quattromani, Appell Civili Nru. 464/00** deciza fid-19 ta' Mejju 2004, *l-Artikolu 2109(1) tal-kap.16 testwalment jipprovdi illi "ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew tacita". Fil-kaz ta' rinunzja espressa din trid tirrizulta minn espressjonijiet cari w univoci; fil-kaz ta' rinunzja tacita din ghandha tigi interpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tigi dezunta ma tkunx tista' tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja (Art. 2109(2); "Michele Tabone et v. Emmanuele*

*Sammut noe" Prim' Awla, 10 ta' Ottubru 1959; "Carmelo Galea v. Dottor Albert Camilleri noe, Appell Civili, 18 ta' Marzu 1977). Hija dottrina komunement accettata illi r-rinunzja ghall-preskrizzjoni hija manifestazzjoni unilaterali tal-volontà inekwivokabbli tal-konvenut debitur li jabdika ghall-effetti tal-preskrizzjoni u li ma jridx japprofitta ruhu mill-preskrizzjoni kompjuta. L-indagini fil-kaz de quo naturalment tirrikjedi ezami tal-verbal a fol. 29* [fil-kaz tal-proceduri in ezami, irid isir ezami tax-xhieda li ta l-konvenut Joseph Testa waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2012) *biex minnu jigi stabbilit jekk tistax tigi ndotta r-rinunjza. Kif drabi ohra ntqal "l'esame della natura dell'atto e la sua efficacia ad operare la rinuncia è rimesso all' apprezzamento dei tribunali i quali devono ancora prendere in calcolo tutte le circostanze in cui l'atto fu eseguito, e che possono talora spiegare la sua efficacia" (Kollez Vol XXVIII pII p112).*

Meta x-xhieda ta' Joseph Testa tigi kkunsidrata fl-intier taghha u mhux biss fejn jirrikonoxxi li s-socjetà attrici hallset ghad-danni tal-vettura tieghu in segwitu ghall-incident li sehh fit-13 ta' Settembru 2001, jirrizulta b'mod car li huwa fl-ebda mument **ma rrikonoxxa l-jedd vantat u pretiz mis-socjetà attrici f'dawn il-proceduri** anzi testwalment ighid: *ladarba jiena kont inxurjat fully comprehensive nifhem li t-tifel tieghi, li dak iz-zmien kellu tmienja u ghoxrin sena, kien kopert b'din il-polza.* ***Hija din ir-raguni li l-ammont li qed titlob l-assikurazzjoni m'ghandux jintradd lura lilha***[26].

B'hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà attrici ma tirrizulta l-ebda rinunzja tal-preskrizzjoni li f'dan il-kaz kjarament lahqet iddekorriet favur il-konvenuti qabel ma gew istitwiti l-proceduri giudizzjajri fil-konfront taghhom.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li thares minn fejn thares lejn l-azzjoni attrici, din kjarament tirrizulta li hija preskritta.

Ghal dawn ir-ragunijiet taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti u konsegwentement tichad it-talba attrici.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, ta' l-ittra ufficjali datata 2 ta' Gunju 2009 u ta' l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 12 ta' Lulju 2011, ghandhom jigu sopportati mis-socjetà attrici.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[26] Enfasi tal-Qorti.